# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-12 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 1158/2007 SM**

**Avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon (I.D. Number 230256 M) u permezz tal-verbal datat s-16 ta' Marzu, 2009, assuma l-atti Dr. Ray Zammit minflok l-avukat precedenti u permezz ta' nota datata l-24 ta' Novembru, 2009, Dr. Kevin Camilleri Xuereb assuma l-atti minflok l-imsemmi Dr. Ray Zammit, bhala mandatarju tal-assenti Ahmed Shekeb Salem**

**vs.**

**Laferla *Insurance Agency Limited* li maghha nghaqdet is-socjeta` Laferla *Insurance Brokers Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-7 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu, l-mandatarju specjali fuq indikat debitament awtorizzat ghan-nom u r-rapprezentanza tal-mandatarju tieghu fuq indikat, sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi b'sentenza datata s-26 ta' Jannar, 2005, il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tal-Kajr tat-Tramuntana, l-Egittu, [*Bench (40)* Commercial], kawza Numru 1998/40, (ara foll 5 u 16), is-socjeta` intimata kienet ikkundannata thallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont ta' sittax il-elf Lira Maltija, (Lm16,000.00), bl-imghax legali ta' hamsa fil-mija, (5%), b'effett mid-data tas-sentenza *de quo* sad-data tal-pagament effettiv, *oltre, l-ispejjez* legali;

1.2. Illi permezz ta' sentenza datata s-27 ta' Frar, 2006, tal-Qorti tal-Appell tal-Kajr fl-Egittu, [*Commercial Circuit* Numru 64], (ara foll 25), is-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti kienet debitament ikkonfermata;

1.3. Illi b'sentenza datata l-10 ta' Mejju, 2007, l-appell tas-socjeta` intimata mis-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti kien michud mill-Qorti ta' Kassazzjoni tal-Kajr fl-Egittu, (ara foll 33 u 37);

1.4. Illi sussegwentement, is-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti ghaddiet in gudikat;

1.5. Illi konsegwentement ir-rikorrenti *nomine* adixxa din il-qorti u in vista tal-premess talab li din il-qorti, a tenur tal-artiklu 826 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

1.5.1. Tordna l-esekuzzjoni f'Malta tas-sentenza tal-Qorti ta' Kassazzjoni tal-Kajr fl-Egittu datata l-10 ta' Mejju, 2007, fejn permezz taghha kien michud l-appell tas-socjeta` intimata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq indikata, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn (1.2.), aktar qabel);

1.5.2. Illi permezz tal-istess tikkundanna ghalhekk lis-socjetajiet intimati hallsu lir-rikorrenti *nomine* s-somma ta' Lm16,000.00, ekwivalenti ghal sebgha

u tletin elf, mitejn u disgha u sittin Ewro u sebgha u disghin centezmu, (€37,269.97), bl-imghax legali ta' hamsa fil-mija, (5%), mis-26 ta' Jannar, 2005, *oltre* l-ispejjez;

1.5.3. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali involuti kontra s-socjetajiet intimati;

2. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-12 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu il-kawza odjerna giet debitament appuntata ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 44);

3. Rat ukoll id-digriet sussegwenti tal-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, li permezz tieghu, l-istess qorti kif hemm preseduta tat l-ordnijiet hemm elenkati, (ara foll 45);

4.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-6 ta' Dicembru, 2007, li permezz taghha s-socjeta` intimata rrispondiet bil-mod segwenti:

4.1. Illi ghandhom jigu pprovati l-korrettezza u l-validita` tad-dokumenti esebiti;

4.2. Illi ma jirrizultax li s-sentenza in dizamina giet ottenuta kontra s-socjeta` intimata billi din ta' l-ahhar ma tidher imkien li giet korrettement indikata f'dawk il-proceduri;

4.3. Illi fl-epoka in dizamina, s-socjeta` intimata kienet topera bhala agent t'assikurazzjoni, socjeta` ohra bl-isem ta' Laferla *Insurance Agency Limited*;

4.4. Illi ghalhekk mhux car kontra liema minn dawn iz-zewg (2) socjetatjiet, qed jigu indirizzati t-talbiet tar-rikorrenti *nomine*;

4.5. Illi s-sentenza datata l-10 ta' Mejju, 2007, fuq riferita tidher li semplicement cahdet l-appell mis-sentenza precedenti;

4.6. Illi effettivament, kienet dik is-sentenza precedenti li ordnat il-hlas mertu tal-procedura odjerna;

4.7. Illi ghalhekk is-sentenza tal-10 ta' Mejju, 2007, ma tistax *per se* tigi ezegwita, hlief biss ghal mitejn, (200), lira Egizzjana bhala drittijiet u t-telf tal-malleverija gudizzjarja;

4.8. Illi skont il-gurisprudenza lokali, l-qrati taghna ma jistghux jaghrfu sentenza ta' tribunal esteru fejn dik is-sentenza ma taghrafx effett legittimu tal-ligi Maltija;

4.9. Illi fid-decizjoni estera in dizamina gew injorati ghal kollox diversi principji ta' dritt Malti li huma rikonoxxuti universalment fil-kummerc tal-assigurazzjoni u dawn jinkludu s-segwenti:

4.9.1. Illi l-*Insurance broker* ghandu funzjoni u responsabbilita` legali ghal kollox differenti mill-assiguratur;

4.9.1.i. Illi fil-kaz in dizamina s-socjeta` intimata agixxiet biss bhala *broker*;

4.9.1.ii. Illi f'din il-kapacita` wasslet biex il-mandant tar-rikorrenti *nomine* kiseb polza tal-assigurazzjoni mahruga mit-terzi, senjatament mill-*Middlesea Inurance plc*, (allura *Middlesea Insurance Company Limited*), tramite l-agent taghha;

4.9.1.iii. Illi bi ksur ta' dan il-principju, s-socjeta` intimata giet ikkundannata thallas taht dik il-polza ta' assigurazzjoni;

4.9.2. Illi l-assigurat irid jippossjedi *insureable interest* fil-hwejjeg danneggjati billi polza ta' assigurazzjoni hi mahsuba biex taghmel tajjeb ghal telf subit mill-assigurat fit-telf subit minnhu u mhux biex jigi arrikkit bit-telf kopert taht il-polza;

4.9.2.i. Illi l-oggetti li ntilfu jew insterqu mill-mandant tar-rikorrenti *nomine* ma kienux jappartjenu lilu izda lill-Gvern

tal-Egittu, ghal liema l-istess mandant kien thallas minghand l-*Egypt Air* bhala kumpens *in parte* ghat-telf minnu subit;

4.9.2.ii. Illi ghalhekk is-somma ta' 1,695 lira Egizzjana hekk imhallsa kellha tigi dikjarata u ridotta minn kull kumpens minnu pretiz;

4.9.3. Illi l-assigurat ghandu jimxi b'*uberrimae fidei*;

4.9.3.i. Illi rrizulta li l-oggetti mitlufa ingarru fl-istiva tal-ajruplan u mhux f'idejn il-mandant in dizamina meta kien passiggier;

4.10. Illi l-artiklu 826 tal-Kap 12 tal-Ligijiet fuq indikat ma japplikax ghall-fatti in dizamina ghaliex is-sentenza *de quo* tista` tkun attakkata ghal ragunijiet imsemmija fl-artiklu 811(a), (d), (e), (i) u (l) tal-Kap 12 fuq riferit;

4.11. Illi *di piu`*, l-artiklu 826 tal-Kap 12 *de quo* mhux applikabbli fir-rigward tas-sentenza in dizamina *stante* li s-sentenza fuq riferita fiha disposizzjonijiet kuntrarji ghall-ordni pubbliku u ghall-ligi ta' Malta;

4.12. Salv risposti ulterjuri;

5. Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` intimata annessa ma' l-istess risposta guramentata taghha, li permezz tal-istess amplifikat l-imsemmija risposta, (ara foll 51);

6. Rat in-nota tar-rikorrenti *nomine* datata s-7 ta' Jannar, 2008, li permezz taghha ottempora ruhhu mad-digriet precedenti datat it-12 ta' Novembru, 2007, (ara paragrafu numru tnejn, (2.), aktar qabel, u foll 52);

7. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-20 ta' Frar, 2008, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet biex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet rigwardanti l-ewwel hames (5) eccezzjonijiet sollevati mis-socjetajiet intimati, (ara foll 88);

8. Rat id-digriet sussegwenti datat it-18 ta' Gunju, 2008, li permezz tieghu, *nonostante* d-digriet indikat fil-paragrafu precedenti, awtorizzat lill-partijiet biex iressqu l-provi limitatament ghall-paragrafu numru 4 u 5 tar-risposta guramentata, (ara foll 49 u 50);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata l-25 t'Ottubru, 2010, (ara foll 380);

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetajiet intimati datata l-1 ta' Frar, 2011, (ara foll 397);

11. Rat in-nota risponsiva tar-rikorrenti *nomine* datata l-14 ta' Frar, 2011, (ara foll 402), flimkien ma' nota ulterjuri tal-istess, datata s-27 t'Ottubru, 2011, (ara fol 434);

12. Rat is-sentenza preliminari datata s-27 ta' Novembru, 2012, (ara foll 453 *et* sequitur);

13. Rat id-digriet ta' din il-qorti kif preseduta datata t-3 ta' Marzu, 2014, li permezz tieghu appuntat l-istess ghall-kontinwazzjoni, (ara foll 475);

14. Rat id-digriet taghha datat is-26 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm indikati ddifferiet il-kawza *sine* die, (ara foll 520);

15. Rat id-digriet sussegwenti taghha datat il-15 ta' Dicembru, 2015, li permezz tieghu, wara li l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar x'jipproducu u talbu li jkunu hekk awtorizzati, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 525);

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata l-5 ta' Jannar, 2016, (ara foll 526), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjetajiet intimati datata l-21 ta' Marzu, 2016, (ara foll 536);

17. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, (ara foll 541);

Ikkunsidrat:

18. Illi fl-essenzjalita` taghha din il-procedura hi intiza biex il-gudikat fuq riferit moghti minn qorti estera, (ara foll 33), jigi rikonoxxut mill-qorti odjerna u eventwalment ezegwit lokalment;

19. Illi t-talbiet indikati fil-paragrafu precedenti huma msejsa fuq l-artiklu 826 tal-Kap 12 fuq gia` riferit;

20. Illi s-sentenza in dizamina li qed jintalab ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni taghha hi dik tal-Qorti tal-Kassazzjoni tal-Kajr fl-Egittu, (ara foll 33), li permezz taghha gie respint l-appell tas-socjeta` intimata mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Kajr datata s-27 ta' Frar, 2006, (ara foll 25), fejn is-socjeta` intimata giet ikkundannata thallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont ta' €37,269.97, oltre l-imghax legali ta' hamsa fil-mija (5%) mis-26 ta' Jannar, 2005, inkluz ukoll l-ispejjez, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa punt tnejn, (1.5.2.) aktar qabel);

Ikkunsidrat:

21. **A. Korrettezza u Validita` tad-Dokumenti:**

Illi fl-ewwel eccezzjoni ta' natura preliminari taghhom s-socjetajiet intimati jissottomettu li r-rikorrenti *nomine* ghandu jipprova l-korrettezza u l-validita` tad-dokumenti minnhu esebiti;

22.0. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi flimkien mar-rikors guramentat promotur gew ukollipprezentati kopji legali tas-sentenzi riferiti flimkien mat-traduzzjonijiet rispettivi taghhom;

22.2. Illi *di piu`*, jirrizulta wkoll li fil-mori tal-kawza regghu gew esebiti kopji ta' traduzzjonijiet godda tas-segwenti:

22.2.1. Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Egittu datata s-27 ta' Frar, 2006, (ara foll 339 u 346);

22.2.2. Sentenza tal-Qorti tal-Appell Finali tal-Egittu datata l-10 ta' Mejju, 2007, (ara foll 340 u 359);

22.2.3. Illi z-zewg traduzzjonijiet tas-sentenzi esteri hawn riferiti gew debitament ikkonfermati bil-gurament li huma riflessjoni tal-verita` u allura konformi mad-dokumenti originali fil-lingwa Arbija, (ara foll 415);

22.2.4. Illi f'dan ir-rigward issir ukoll riferenza ghad-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-15 ta' Marzu, 2010, (ara foll 373), fejn ghar-ragunijiet esposti mir-rikorrenti *nomine* fir-risposta tieghu datata t-2 ta' Marzu, 2010, (ara foll 376), cahdet it-talba tas-socjetatjiet intimati inoltrata bir-rikors taghhom datat l-24 ta' Frar, 2010, (ara foll 369), li permezz tieghu talbu l-isfilz tal-istess dokumenti mill-atti tal-kawza *stante* li inammissibbli skont il-ligi;

**DECIDE:**

23. Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni tas-socjetajiet intimati;

Ikkunsidrat:

24. **B. L-Identita` tas-Socjeta` Intimata:**

Illi s-socjetajiet intimati jissollevaw il-kwistjoni procedurali li mill-ezami tal-atti pprezentati quddiem il-qrati Egizzjani ma jirrizultax liema hi s-socjeta` intimata li fil-konfront taghha ttiehdu l-proceduri in dizamina;

25.0. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta sintetikament is-segwenti:

25.1. Illi s-socjetajiet intimati jissollevaw il-kwistjoni li fl-atti in dizamina kien hemm effettivament involuti zewg (2) socjetajiet u mhux wahda;

25.2. Illi jallegaw ghalhekk li dawn is-socjetajiet kienu s-segwenti:

25.2.1. *Laferla Insurance Agency Limited*, (ara foll 49);

25.2.2. *Laferla Brokers Limited*, (ara foll 49);

25.3. Illi konsegwenza tal-istess qed jigi allegat li l-identita` tas-socjeta` debitrici hi konfuza;

25.4. Illi konsegwenza wkoll tal-istess allura s-socjeta` debitrici in dizamina setghet kienet kemm wahda u kemm l-ohra indikati fil-paragrafu immedjatment ta' qabel dan;

25.5. Illi *nonostante* r-risposta hawn analizzata, ezami tad-dokumentazzjoni pprezentata mir-rikorrenti *nomine* fir-rigward, (senjatament is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Egittu datata is-27 ta' Frar, 2006, (ara 346), u dik tal-Qorti tal-Appell Finali tal-Egittu, datata l-10 ta' Mejju, 2007 (ara foll 359), kif debitament ikkonfermati mit-traduttur taghhom (ara foll 415)), iwassal ghall-konvinciment logiku u debitament assodat li s-socjeta` intimata fil-proceduri mehuda fl-Egittu fuq riferiti hi s-socjeta` *Laferla Agency Limited*, wahda mis-socjetajiet intimati indirizzati permezz ta' din il-procedura mill-istess rikorrenti *nomine* fl-istess rikors guramentat promotur tieghu datat is-7 ta' Novembru, 2007, (ara foll 1);

25.6. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili***, datata l-***20 t'Ottubru, 2005***, fl-ismijiet ***Itc Limited et vs. Lbm Breweries Limited***, fejn gie sottolineat is-segwenti:

> "Illi mbaghad, il-formalita` ta' xi zball fl-isem ta' parti f'att gudizzjarju trid titqies ukoll fid-dawl tal-kontenut innifsu tal-att. Jekk att gudizzjarju jsemmi fatti jew jinkludi kawzali li minnhom wiehed jifhem ghal min jirreferu, ma jkunx sewwa li xi hadd jithalla jistahba wara l-izball fl-isem biex jahrab mill-addebiti maghmulin fil-konfront tieghu";

25.7. Illi *di piu`*, f'dan ir-rigward issir ukoll referenza ghall-principju:

**"Nihil facit error nominis cum de corpore constat"**

li sintetikament ifisser illi zball koncernanti l-isem ikun minghajr effett kemm il-darba l-istess identita` tal-persuna kkoncernata tkun certa;

25.8. Illi din il-massima Latina qed tigi rievokata *stante* li minn ezami tas-sentenzi tal-qrati tal-Egittu fuq riferiti l-istess socjeta` intimata *Laferla Insurance Agency Limited* hi identifikata b'mod car bhala s-socjeta` responsabbli fl-istess proceduri;

25.9. Illi in vista tal-istess allura ma tezisti l-ebda konfuzjoni jew dubju dwar l-identita` tas-socjeta` intimata li ghaliha jirreferu l-istess sentenzi esteri;

**DECIDE:**

26. Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, tirrespingi din it-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet intimati;

Ikkunsidrat:

**C. Liema mis-sentenzi esteri gew ikkonfermati bil-gudizzju finali fil-gurisdizzjoni estera in dizamina:**

27. Illi f'dan ir-rigward is-socjetajiet intimati jissottomettu li hi biss is-sentenza tal-qorti tal-ahhar grad li, *caso mai*, ghandha tigi ezegwita mill-qrati Maltin;

28. Illi min-naha tieghu r-rikorrenti *nomine* jsostni li t-tlett (3) sentenzi esteri huma fil-fatt procediment wiehed li effettivament ghadda minn tliet (3) stadji differenti, u *nonostante* dan, xorta wahda jibqa` pronunzjament unitarju wiehed;

29.0. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta sintetikament is-segwenti:

29.1. Illi l-ewwel pronunzjament tal-qorti Egizzjana tal-ewwel grad hu datat is-26 ta' Jannar, 2005, (ara foll 5 u 16);

29.2. Illi s-sentenza tat-tieni grad inghatat fis-27 ta' Frar, 2006, (ara foll 25 u 346);

29.3. Illi s-sentenza tat-tielet u l-ahhar grad giet deciza fl-10 ta' Mejju, 2007, (ara foll 33 u 359);

29.4. Illi permezz tal-istess decizjoni indikata fil-paragrafu precedenti l-vertenza in dizamina ghaddiet in gudikat;

30.0. Illi l-procedura odjerna hi intiza esklussivament li:

30.1. Jigi rikonoxxut l-ezitu tal-istess decizjonijiet esteri;

30.2. Jigu ezegwiti lokalment il-konkluzjonijiet kurjali in dizamina kif kristallizzati fid-decizjoni finali tal-Qorti ta' Kassazzjoni tal-Egittu fis-sentenza taghha datata l-10 ta' Mejju, 2007, fuq riferita (ara paragrafu numru disgha u ghoxrin punt tlieta, (29.3.), aktar qabel);

31. Illi l-effett finali tas-sentenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni in dizamina datata l-10 ta' Mejju, 2007, fuq riferita ghandha l-effett kristallizzanti li taghmel is-sentenzi precedenti dak ta' natura definittiva;

32. Illi konsegwentement il-proceduri kollha mehuda fl-Egittu rigwardanti l-mertu tal-istess gew ghalhekk definittivament konkluzi;

33. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li minhabba n-ness procedurali u fil-mertu hemm riskontrat, *nonostante* li l-procedura in dizamina giet kostretta tghaddi minn tlett fora Egizzjani ta' gurisdizzjoni differenti u specifika, il-mertu tal-istess baqa` wiehed unitarju ghalkemm spezzettat fi tlett (3) proceduri separati;

**DECIDE:**

34. Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, tirrespingi din it-tielet eccezzjoni tas-socjetajiet intimati;

Ikkunsidrat:

**D. Rigward ir-raba` (4) eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet intimati:**

35. Illi sintetikament din l-eccezzjoni sollevata mis-socjetajiet intimati tirrigwarda l-kwistjoni li skont il-gurisprudenza lokali, il-qrati Maltin ma jistghux jaghrfu sentenza ta' tribunal esteru fejn dik is-sentenza ma taghrafx effett legittimu tal-ligi Maltija;

36. Illi a skans ta' dilungar inutili din il-qorti tissottolinea li din l-eccezzjoni partikolari gia` giet debitament epurata minn din l-istess qorti diversament preseduta permezz tas-sentenza taghha datata s-***27 ta' Novembru, 2012***, (ara foll 453), liema sentenza kienet giet ri-ezaminata mill-***Qorti tal-Appell*** permezz tas-sentenza taghha datata l-***25 t'Ottubru, 2013***, li ghar-ragunijiet hemm premessi, cahdet ir-raba` eccezzjoni tas-socjetajiet intimati, (ara ***Citazzjoni Numru 1158/07***, ***Qorti tal-Appell*** foll 43);

Ikkunsidrat:

**E. L-artiklu 826 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:**

37. Illi f'dan ir-rigward is-socjetajiet intimati jeccepixxu li d-disposizzjonijiet tal-artiklu in dizamina fuq indikat fl-intestatura 'E' m'ghandhomx isehhu fir-rigward tas-sentenza li taghha qed jintalab ir-rikonoxximent u l-esekuzzjoni taghha fil-gurisdizzjoni lokali;

38. Illi in sostenn ta' din it-tezi s-socjetajiet intimati qed jistriehu fuq l-artiklu 811(a), (d), (e), (i) u (l) tal-Kap 12 fuq riferit;

39.0. Illi f'dan ir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

39.1. Illi *stante* li l-istess problematika giet sollevata mis-socjetajiet intimati, allura jispetta lilhom li jgibu l-provi fir-rigward, in sostenn tal-istess;

39.2. Illi l-artiklu in dizamina jirrigwarda talba ghal ritrattazzjoni;

Ikkunsidrat:

39.3. Illi s-subartiklu (a) tal-istess jirrigwarda specifikament kazi fejn sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet bi hsara tal-ohra:

39.3.1. Illi tul il-procedura is-socjetajiet intimati naqsu li jelaboraw kif is-sentenza estera minnhom hawn kontestata ttiehdet bil-mod indikat fil-paragrafu precedenti;

39.3.2. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell Inferjuri*** datata t-***23 ta' Jannar, 2004,*** fl-ismijiet ***Drive-A-Way Limited vs. John Spiteri*** li temfasizza li:

> "... l-attur irid qabel xejn ... jipprova ghas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-fatti li dwarhom qed jitlob ir-ritrattazzjoni u li jgiddbu l-versjoni li nghatat lill-qorti u li fuqhom iddecidiet il-kawza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni u li allura jirrendihom foloz, sar jaf bihom wara li ghalaq iz-zmien tal-appell – ***Joseph Cardona vs. Maria Scicluna, Prim'Awla tal-Qorti Civili, 5 t'Ottubru, 1994*** – Pre-kondizzjoni din essenzjali u li riedet tigi provata biex jinghata aditu tar-ritrattazzjoni. Ara a propozitu s-sentenza ta' din il-qorti kif preseduta fil-kawza fl-ismijiet ***Arthur Taliana et vs. Godwin Falzon proprio et nomine***, ***Appell, Sede Inferjuri, 5 ta' Marzu, 2003***";

Ikkunsidrat:

39.4. Illi s-subartiklu (d) tal-istess jirrigwarda sentenza moghtija minn qorti inkompetenti minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni kif imsemmi fl-artiklu 741(a) tal-istess Kap 12;

39.4.1. Illi tali subartiklu jiskatta biss jekk qabel tali sentenza lanjata ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni tal-inkompetenza;

39.4.2. Illi jinghad ukoll f’dan l-istadju, li ghalkemm is-socjetajiet intimati ssollevaw l-eccezzjoni in dizamina, pero` naqqsu li jelaboraw ragunijiet, provi u sottomissjonijiet, fir-rigward;

39.4.3. Illi in effetti, jirrizulta li s-socjetajiet intimati qatt ma ssollevaw dan il-kap tal-eccezzjonijiet minnhom indirizzat fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem il-qrati fl-Egittu;

Ikkunsidrat:

39.5. Illi s-subartiklu (e) tal-istess jirrigwarda l-kaz meta sentenza tkun applikat il-ligi hazin;

39.5.1. Illi f’dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 816 tal-istess Kap 12 fuq riferit li jistabbilixxi li fil-kaz in dizamina min jissolleva din ir-raguni ghar-ritrattazzjoni “... ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata”;

39.5.2. Illi *nonostante* l-istess imposizzjoni statutorja indikata fil-paragrafu precedenti, ezami akkurat tal-inkartament iwassal biss ghall-konkluzjoni li s-socjetajiet intimati naqsu li jissodisfaw dan ir-rekwizit specifiku hekk statutorjament impost;

39.5.3. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li anke dan ir-rekwizit ma jirrizultax li gie sodisfatt;

Ikkunsidrat:

39.6. Illi s-subartiklu (i) tal-istess jirrigwarda kaz fejn sentenza jkollha disposizzjonijiet kontra xulxin;

39.6.1. Illi f’dan ir-rigward l-istess socjetajiet jippekkaw mill-fatt li ghalkemm jallegaw tali diskrepanza jew nuqqas, jonqsu li jgibu provi fir-rigward;

39.6.2. Illi *di piu`*, jirrizulta pacifiku li minn analizi tas-sentenzi esteri in dizamina dan l-aggravju ma jirrizultax *stante* li ma giet riskontrata l-ebda kontradizzjoni fid-

disposizzjonijiet ezaminati fis-sentenzi esteri in dizamina;

Ikkunsidrat:

39.7. Illi s-subartiklu (l) tal-istess jirrigwarda kaz fejn l-izball rinkriminat ikun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza;

39.7.1. Illi fir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell Inferjuri*** fl-ismijiet ***Catherine mart Joseph Caruana et vs. Anna mart Carmelo Schembri*** datata l-***20 t'Ottubru, 2003***, li tghid is-segwenti:

> "...fid-decizjonijiet a Vol XXIV p.I. p. 609, u Vol. XXVII p. I p. 433, "l'errore di fatto perche` possa aprire l'adito alla ritrattazzione deve risultare dagli atti e dei documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e` stato appreso dal giudicante ... L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita` colla decisione, ed e` necessario che il fatto non abbia formato un punto contraverso e deciso colla sentenza impugnata";

39.7.2. Illi minn ezami akkurat tal-atti in dizamina dan l-izball indirizzat mis-socjetajiet intimati la jirrizulta u lanqas ingieb provi fir-rigward mill-istess socjetajiet;

39.7.3. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li anke dan ir-rekwizit ma jirrizultax li gie sodisfatt;

Ikkunsidrat:

**F. L-Ordni Pubbliku:**

40. Illi f'dan ir-rigward, *nonostante* li s-socjetajiet intimati jissollevaw din l-ahhar eccezzjoni taghhom, ma jirrizutax li ingiebet xi prova fir-rigward li tista` ghalhekk twassal ghall-konvinciment li s-

sentenza tal-qorti Egizzjana in dizamina m'ghandiex tigi esegwita f'Malta ghaliex tmur kontra l-ordni pubbliku;

41. Illi minn ezami tal-istess jirrizulta a kuntrarju ta' dak sostenut mis-socjetajiet intimati, li tali decizjonijiet mhux biss ma jmorrux kontra l-ordni pubbliku Malti izda jirrizulta li fihom dawk l-elementi essenzjali kollha li jirrendu s-sentenzi in dizamina ekwi u gusti fit-termini tal-ligi procedurali ta' Malta in dizamina;

42. Illi ghalhekk ghandu wkoll ikun pacifiku li anke din l-eccezzjoni kif sollevata mis-socjetajiet intimati ma tirrizultax li giet debitament sodisfatta;

**DECIDE:**

43.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* pprova t-talbiet kollha minnhu sollevati, u konsegwentement:

43.1. Tirrespingi l-eccezzjonijiet rimanenti kollha sollevati mis-socjetajiet intimati;

43.2. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine*;

43.3. Tikkundanna ghalhekk lis-socjetajiet intimati jhallsu *in solidum* lir-rikorrenti *nomine* is-somma ta' €37,269.97, bl-imghax legali ta' hamsa fil-mija, (5%), mis-26 ta' Jannar, 2005, *oltre* l-ispejjez involuti;

43.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura u bl-imghaxijiet legali involuti, kontra l-istess socjetajiet intimati;

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**